MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Numru 5/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Owen Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 5 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Owen Bonnici, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap fil-hmistax ta' Gunju tas-sena elfejn u erba', fil-hin ta' wara nofsinhar, il-Pulizija Maltija, fil-kors ta' investigazzjonijiet dwar traffikar ta' droga fl-inhawi ta' Hal-Qormi, ghamlet tfittxija gewwa l-Qormi Football Club, gewwa Valletta Road.

Hemm gew sabu lil Owen Bonnici, li allura kien il-persuna responsabbli mill-gestjoni tal-imsemmi Club, u fil-pussess u kontroll tieghu nstab li kien hemm madwar kilo raza tal-cannabis mohbija go basket tal-plastik, kif ukoll mizien elettroniku li kien hemm wara l-bar.

Minn aktar stharrig, irrizulta li dan Owen Bonnici kien akkwista l-imsemmija droga fil-perjodu ta’ xi sitt xhur qabel l-imsemmija data, minghand certu Victor Magri maghruf bhala “c-cinqu”.

Minn dan l-istharrig kollu, harget stampa cara li Owen Bonnici kien fil-hsieb li jittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, wara li jkun ipprokuraha w akkwistaha minghand haddiehor, u wara li kien ikun fil-pussess xjenti tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis.

L-ahhar darba li kien materjalment fil-pussess tar-raza kien proprju dakinhar tal-15 ta’ Gunju, 2004, u cioe’ meta l-Pulizija dahlu minghajr pre-avviz fil-fond minnu gestit u qabduh b’ kwantita’ ta’ raza fil-pussess u taht il-kontroll tieghu.

F’dan l-istess fond, ossia Club, f’diversi hinijiet tal-gurnata kienu w ghadhom jiltaqghu normalment zghazagh ta’ etajiet diversi w ilkoll bl-imhabba ghall-isports.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Owen Bonnici sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b’ xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b’dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w b’dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’ skola, club

jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Owen Bonnici hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b' dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas min elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22 (1)(a)(2)(a)(i), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra, sabu lill-akkuzat hati ta' l-uniku Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Owen Bonnici hati talli fil-15 ta' Gunju, 2004, fil-hin ta' wara nofsinhar, gewwa l-Qormi Football Club, kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu' w b'dan ukoll, li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, u dana skond l-Ewwel u l-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' l-Ispettur Nezrin Grixti illi kkonferma illi l-hati kien ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem Magistrat u kien iddikjara li kien pront li jixhed kontra Victor Magri fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu pero' peress li dan lahaq gie maqtul qabel ma dan seta' jsir, il-hati ma lahaqx xehed fil-kawza kontra Magri.  Ghalhekk fil-fehma tieghu kien applikabbli l-artikolu 29 favur il-hati.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. J. Giglio, li jinsabu kollha registrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-

1. li f’dan il-kaz kien applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101 peress li l-hati kien ta informazzjoni lill-Pulizija dwar il-provenjenza tad-droga kif kien xehed l-Ispettur Nezrin Grixti;
2. li l-hati kellu kondotta kompletament nadifa;
3. li l-verdett kien wiehed minimu ta’ sitta kontra tlieta;
4. li fic-cirkostanzi ma kienx hemm raguni biex il-piena tigi kkargata sempliciment ghax il-hati ghazel li jikkontesta l-akkuza w jghaddi guri;
5. li f’dan il-kaz anki l-prosekuzzjoni jidher li kkoncediet li ma kien hemm ebda traffikar da parti tal-hati;
6. li dan kien kaz li seta’ anki gie deciz quddiem il-Qorti tal-Magistrati;
7. li l-konfiska f’dan il-kaz ma kienetx applikabbli stante li kien biss bil-bdil tal-ligi li sehh recentement u wara l-kommissjoni tar-reat li din il-konfiska saret applikabbli f’kazijiet simili;
8. li dan kien kaz ta’ pussess ghal ftit zmien u ghal haddiehor;
9. li l-hati kien jahdem u kellu familja;
10. li l-ammont ta’ droga involut kien ta’ ftit inqas minn kilo raza tal-cannabis ta’ purita’ normali w li
11. ghalhekk il-piena kellha tinghata fil-minimu taghha ta’ erba’ snin prigunerija specjalment meta wiehed jara kazijiet ohra fejn kien hemm ammonti akbar ta’ droga, kien hemm reati ohra w ma kienx applikabbli l-artikolu 29.

Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja illi ddikjara li l-artikolu 29 kien applikabbli ghal hati f’dan il-kaz in vista tax-xhieda ta’ l-Ispettur Nezrin Grixti w li l-fatt li ma lahaqx xehed kontra Victor Magri ma kienx attribwibbli ghal xi nuqqas tieghu. Il-Qorti fl-ghoti tal-piena kellha ssib bilanc bejn il-htija ta’ Owen Bonnici w l-gravita’ tar-reat tenut kont tal-fatt li kieku din id-droga sabet ruhha f’idejn minn kellu jikkunsmaha. Ghalhekk il-piena ta’ minimu ta’ erba’ snin prigunerija ma kienitx indikata f’dan il-kaz.

Ikkonsidrat;

Illi l-piena ghar-reat li tieghu nstab hati Owen Bonnici hija dik ta' prigunerija ghal ghomru u l-multa hija dik kif mitlub fl-att ta' l-akkuza ;

Qieset pero' li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta’ tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita’ tal-medicina w x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, u/jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tlitt mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (Eur.2329.37c), ekwivalenti ghall-elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf, erba mija u tminja w sittin Ewro u seba w sittin centezmu (Eur.116,468.67c), ekwivalenti ghal hamsin elf lira.

Qieset ukoll li skond l-artikolu 29 tal-Kap. 101, li l-partijiet jaqblu li hu applikabbli ghal dan il-kaz, meta l-prosekuzzjoni tiddikjara waqt il-proceduri li l-hati jkun ghin lill-Pulizija biex tarresta xi persuna li tkun issuplietu bid-droga, jew meta l-hati jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li hu jkun hekk ghin lill-Pulizija, l-piena ta’ prigunerija ghandha tonqos bi grad jew tnejn u dik tal-multa b’terz sa nofs.

Qieset ukoll li l-paragrafu (e) tal-artikolu 24A(1) li ghalih jaghmel referenza l-artikolu 22(3A) gie fis-sehh wara l-Att XXXI ta’ 2007 u ghalhekk wara l-kommessjoni tar-reat u ergo l-konfiska tal-assi tal-hati mitluba mill-prosekuzzjoni fl-Att tal-Akkuza ma hix applikabbli.

Qieset ukoll xi zmien li l-hati lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma din l-akkuza.

Qieset ukoll sentenzi ohra moghtija minn din il-Qorti f’kazijiet li jixbhu lil dan fejn kien applikabbli l-artikolu 29 u

fejn si trattava ta’ pussess aggravat ta’ raza tal-cannabis ghall-fini tal-ikkalibrar tal-piena kif ukoll sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) kemm fejn gew konfermati sentenzi ta’ din il-Qorti kif ukoll fejn gew varjati w dana bil-ghan li jintlahaq certu proporzjon bejn sentenza w ohrajn.

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(aa)(bb) u t-tieni proviso tal-artikolu 22(2), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), u l-Artikoli 22, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-hati Owen Bonnici ghall-piena ta’ seba’ (7) snin prigunerija, b’dana li minn dan il-periodu jrid jinqata’ kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dan ir-reat kif ukoll li jhallas multa ta’ erbatax-il elf Ewro (€14,000) u, jekk din il-multa ma tithallasx minnufieh, tigi awtomatikament konvertita fi’ tnax (12) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta’ seba’ mija w erbghin Ewro w wiehed u tmenin centezmi (€740.81c), import ta’ l-ispejjez peritali inkorsi f' din il-kawza, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat pero’ ma tordnax il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati, ghar-raguni fuq imsemmija.

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b’Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi w b’dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b’verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------